

PARLAMENT EWROPEW

2004



2009

21.5.2007

0056/2007

DIKJARAZZJONI BIL-MIKTUB

imressqa skond l-Artikolu 116 tar-Regoli ta' Proċedura

minn Riccardo Ventre, Antonio Tajani, Carlo Casini, Alfredo Antoniozzi u
Giorgio Carollo

dwar is-salvagwardja tas-settur tal-bhejjem fir-Reġjun tal-Kampanja

Data ta' skadenza: 27.9.2007

0056/2007

Dikjarazzjoni bil-miktub dwar is-salvagwardja tas-settur tal-bhejjem fir-Reġjun tal-Kampanja

Il-Parlament Ewropew,

- wara li kkunsidra l-Artikolu 116 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
 - A. wara li kkunsidra l-ordni riċenti tal-Ministeru tas-Saħħa ta' l-Italja li jinqatlu bufli infettati mill-batterju tal-bruċelloși, li l-implimentazzjoni tagħha se twassal għat-telf ta' madwar 40% ta' l-istokk tal-bufli,
 - B. billi, peress li iktar minn 70% tal-Bufli Mediterranji Taljani jitrabbew fil-provinċja ta' Caserta, il-qtil tal-bhejjem ikun ta' ħsara għall-ekonomija ta' reġjun sħiħ,
 - C. billi testijiet imwettqa fuq prodotti tal-ħalib minn bordijiet tas-saħħa lokali ma urewx provi tal-preżenza tal-bruċelloși fil-ġobon tal-bufli, u billi l-bruċella huwa batterju termolabili li jmut f'temperaturi ta' madwar 35°, waqt li t-temperaturi li jintużaw fil-proċess biex issir il-mozzarella jilħqu livelli ta' bejn 50° u 90°,
 - D. billi l-approċċ tal-qtil wera li mhux biss mhux effettiv, iżda fuq kollox hu ta' theddida għas-sopravivenza ta' l-istokk tal-bhejjem u għal-livell ta' impjeg fis-settur,
1. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Kunsill biex:
 - jieħdu miżuri diretti biex jissalvagwardjaw il-wirt ġenetiku ta' l-ispeċi li qed titrabba, il-livell ta' impjeg fl-industrija, il-livelli ta' produzzjoni ta' l-ikel u l-interessi tal-konsumaturi;
 2. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din id-dikjarazzjoni, flimkien ma' l-ismijiet tal-firmatarji, lill-Kunsill u lill-Kummissjoni.